MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2014

Appell Civili Numru. 862/2009/1

**Dipartiment Ghas-Servizzi tal-Indafa**

**v.**

**Kunsill Lokali tan-Naxxar**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors li ressaq il-Kunsill Lokali tan-Naxxar fit-3 ta' Settembru, 2009, fejn ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, talab lill-Qorti tiddikjara bhala infondata talba maghmula b'ittra ufficjali minn dipartiment tal-gvern. Dan ir-rikors jaqra hekk:

“1. Illi d-Dipartiment ghas-Servizzi tal-Indafa ha procedimenti ghall-hlas ta’ kreditu kontra l-Kunsill Lokali Naxxar billi pprezenta Ittra Ufficjali u ghamel dikjarazzjoni mahlufa quddiem ir-registratur fejn interpella lir-rikorrenti skont Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, ghall-hlas tas-somma ta’ tmintax-il elf erba’ mija u erbgha u sittin ewro u sitta u sittin centezmu (€18,464.66) rapprezentanti l-prezz ta’ tindif provdut lir-rikorrenti;

“2. Illi l-Kunsill Lokali jichad b’mod qawwi li din is-somma hija dovuta minhabba l-fatt kif elenkati hawn isfel;

“3. Illi wara hrug ghal sejha tal-offerti, fl-14 ta’ Novembru 2006 sar kuntratt ta’ ftehim bejn il-Kunsill Lokali tan-Naxxar u d-Dipartiment ghas-Setvizzi tal-Indafa fejn dehru, fuq naha wahda, id-Dottoressa Maria F. Deguara [ID:745449(M)] bhala l-kunsilliera tan-Naxxar u s-Sinjur Paul Gatt [ID: 19665(M)] bhala Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali tan-Naxxar, bhala “principal”, u fuq in-naha l-ohra s-Sinjur Joe Sammut [ID: 399427(M)] Direttur tad-Dipartiment ghas-Servizzi tal-Indafa, bhala “kuntrattur” [ara “Dok: KLN.1” hawn anness rapprezentanti “*Contract Agreement Street Sweeping and Cleaning Zones A & C*”]. Il-kuntratt jistipula li l-kuntrattur huwa obbligat illi jezegwixxi servizzi ghall-knis, tindif, zgombru ta’ materjal goff minn got-toroq, zabra ta’ haxix hazin, kif ukoll l-indafa generali ta’ zoni A u C kif definiti f’Anness 2 tal-kuntratt, ghar-rikorrenti ghall-perjodu mill-14 ta’ Novembru 2006 sat-13 ta’ Novembru 2009 ghas-somma ta’ tnax-il elf u hames mitt Lira Maltin (Lm12,500) ekwivalenti ghal disa’ u ghoxrin elf mija u sbatax-il ewro u sbatax-il centezmu (€29,117.17).

“4. Illi l-kuntrattur kien inadempjenti fl-obbligi tieghu kif definiti fil-kuntratt ta’ ftehim wara illi dan ma ezegwix il-knis, zabra ta’ haxix hazin kif ukoll tindif generali skont il-grad ta’ ndafa li huwa rikjest minnu, kif definit fl-Anness 4 dwar “*Service Standards*” tal-l”*Specific Conditions of Contract and Specifications*”, jigifieri, Grade A tal-istandard ta’ servizz. Tali grad jistabbilixxi kwalita` ta’ ndafa li ghandha tkun mill-ifjen u li l-kuntrattur ghandu jezegwixxi l-obbligi tieghu b’tali mod li ma jkunx hemm

hmieg, trab, *detritus*, haxix hazin, jew *bins* mahmugin jew imkissrin.

“5. Illi r-rikorrent permezz tal-Works Officer tieghu Clifton Fenech kien jispezzjona z-zoni A u C kif definiti f’Anness 2 tal-kuntratt kif ukoll it-toroq immarkati bil-kulur ahdar fuq il-mappa tan-Naxxar [ara “Dok: KLN.2” hawn anness], biex jara kif kienu mizmuma, kif ukoll biex jigbor listi bil-problemi mressqa mir-residenti biex jiehu azzjoni dwarhom. Illi wara diversi spezzjonijiet irrizulta li l-kuntrattur ma kienx qieghed jesegixxi d-dmirijiet tieghu skont is-sena u l-arti;

“6. Illi r-rikorrent waqt l-ispezzjonijiet ha numru ta’ ritratti tat-toroq taz-zoni A u C li juru l-istat hazin li dawn kienu fihom. Dawn ir-ritratti juru bic-car li l-obbligi tal-kuntratturi ma gewx onorati b’mod l-izjed lampanti, specjalment rigward iz-zabra ta’ haxix hazin li kellu jsir kemm minn haxix li jikber taht il-bankini kif ukoll fi tratti ta’ hamrija u li kif jidher mir-ritratti ma nzabarx u ghalhekk baqa’ jikber b’mod allarmanti u tferrex mat-toroq [ara “Dok: KLN. 3” hawn anness rapprezentanti sensiela ta’ sbatax-il pagna ta’ ritratti li juru toroq miz-zoni A u C fi stat hazin ta’ ndafa];

“7. Illi saru bosta lmenti mir-residenti tan-Naxxar u l-pubbliku in generali dwar in-nuqqas ta’ ndafa f’bosta toroq li jiffurmaw parti miz-zoni A u C u dawn l-ilmenti gew mnizzla f’sensiela ta’ *datasheets* li juru bic-car li t-tindif li kellu jsir da parti tal-kuntratturi ma kienx isir ta’ spiss u b’mod regolari kif suppost kellu jsir skont id-disposizzjonijiet li fih il-kuntratt [ara “Dok: KLN. 4” hawn anness rapprezentanti erbatax-il folja ta’ *Request Datasheets* kontenenti lmenti minn residenti u sidien ta’ djar];

“8. Illi fil-bidu tax-xahar ta’ Mejju 2007 bdiet sensiela ta’ kommunikazzjoni permezz tal-e.mails bejn ir-rikorrent u l-kuntrattur fejn ir-rikorrent enfasizza problemi ta’ nuqqas ta’ ndafa u lmenti li kien ircieva minghand ir-residenti. Fl-e.mails ir-rikorrent ehmez ukoll listi ta’ xoghlijiet pendenti li kien ghad kellhom jigu mwettqa ghax dawn ma kienux jigu

ezegwiti da parti tal-kuntratturi. Il-kuntratturi dejjem irrispondew fin-negattiv u cahdu li kien hemm xoghlijiet pendenti [ara “Dok: KLN. 5 hawn anness rapprezentanti e.mails kif ukoll listi ta’ xoghlijiet pendenti];

“9. Illi minhabba l-fatt illi l-kuntrattur ghar-ragunijiet kif diga` elenkati ma onorax il-kuntratt li ffirma fl-14 ta’ Novembru, u kien adempjenti billi ma ezegwiex tali obbligazzjonijiet, ir-rikorrent invoka l-principju kemm-il darba sottolineat mill-Qrati ta’ Malta ta’ *pacta sunt servanda*, u ghalhekk ittermina l-kuntratt hawn fuq imsemmi u ma ghamilx il-pagamenti ghax-xoghlijiet li ma sarux [ara “Dok: KLN. 6” hawn anness rapprezentanti ittra mibghuta mid-Dipartiment ghas-Servizzi tal-Indafa dwar tnaqqis ta’ Lm390 mill-kontijiet tat-tindif].

“10. Illi fl-14 ta’ Awwissu 2009 il-kuntrattur ha procedimenti ghall-hlas ta’ kreditu billi ghamel dikjarazzjoni mahlufa quddiem ir-registratur fejn interpella lir-rikorrenti skont Artikolu 466tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili, ghall-hlas tas-somma ta’ tmintax-il elf erba’ mija u erbgha u sittin ewro u sitta u sittin centezmu (€18,464.66) rapprezentanti l-prezz ta’ tindif provdut lir-rikorrenti [ara “Dok: KLN. 7” hawn anness rapprezentanti dikjarazzjoni mahlufa].

“Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

“1. Tiddikjara illi t-talba tad-Dipartiment ghas-Servizzi tal-Indafa ghall-hlas ta’ tmintax-il elf erba’ mija u erbgha u sittin ewro u sitta u sittin centezmu (€18,464.66) hija nfondata fil-fatt u fid-dritt;

“2. Tichad it-talba tad-Dipartiment ghas-Servizzi tal-Indafa ghall-hlas ta’ tmintax-il elf erba’ mija u erbgha u sittin ewro u sitta u sittin centezmu (€18,464.66).”

Rat ir-risposta tad-Dipartiment ghas-Servizz tal-Indafa li in forza taghha eccepew illi:
“1. Illi l-ammont ta' tmintax-il elf erba' mija u erbgha u sittin euro u sitta u sittin centezmu huwa rapprezentanti li prezz

ta' diversi xoghlijiet ta' tindif provduti lill-Kunsill Lokali tan-Naxxar mid-Dipartiment esponenti.

“2. Illi skont l-Artikolu 466 (2) id-debitur irid jipprova li t-talba li saret permezz tal-istess ittra ufficjali mahruga a tenur tal-Artikolu 466 mhix wahda fondata.

“3. Illi ghal dak li hemm dikjarat fir-Raba' paragrafu tal-istess rikors hemm dikjarazzjoni skoretta dwar inadempjenza min-naha tal-kuntrattur fl-obbligi tieghu kif definiti fil-kuntratt ta' ftehim.

“4. Illi r-rikorrent mar kontra l-principju ta' *pacta sunt servanda* li hu stess jikkowota·;fir-rikors tieghu billi minn rajh ha d-decizjoni li ma jhallasx il-bilanc dovut ta' tmintax-il elf erba' mija u erbgha u sittin ewro u hamsa u sittin centezmu rapprezentanti l-prezz ta' tindif provdut lir-rikorrenti kif indikat bhala *'total balance due total due'* fl-Statement of Accounts 2008 [ara "**Dok: DSI. 1**” hawn anness] Il-kolonna pending amount tindika l-ammont dovuti ghas-servizzi tat-tindif tat-toroq fin-Naxxar li baqghu ma thalssux.

“5. Illi r-rikorrent bid-decizjoni li ma jhallasx ix-xoghol ta' tmien xhur shah igifieri minn Marzu sa Ottubru tal-2008 injora kompletament il-principju ta' pacta sunt servanda . Klawzola 32 *tal-General Conditions* tal-kuntratt [ara "**Dok: DSI. 2**" hawn anness] intitolata *Default in Performance* tispecifika l-persentagg li jista' jigi imnaqqas mill-ammont dovut ta’ kull xahar skont in-numru ta' Default Notices li jkunu inhargu. Fil-fatt tul dawn it-tmien xhur shah il-kunsill ma hareg l-ebda default notice.

“6. Illi r-rikorrent kien hareg Default Notice wahda fis-26 ta' Gunju 2007 biss u li minhabba fiha ma thallasx l-ammont ta' tlett mija u disghin lira u tlett centezmi (illum €908. 55) kif indikat fl-Statement of Accounts tal-2007 bhala pending amount ghax-xahar ta' Mejju [ara **Dok DSI. 3** hawn anness]. L-esponent kien ikkontesta dan it-tnaqqis kemm waqt laqgha mal-Kunsill kif ukoll permezz ta' ittra ufficjali datata 30 ta' Dicembru 2008 prezentata fil-Qorti tal-Magistrati u ghadu qieghed jippretendi hlas ta' dan l-

ammont li huma parti mill-ammont mitlub fl-Ittra Ufficjali u indikat fid-dikjarazzjoni mahlufa mill-esponent tal-14 ta' Awwissu 2009 skont l-Artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta

“7. Illi kull meta il-Kunsill Lokali tan-Naxxar ressaq xi ilmenti jew rikjesti, anke meta dawn kienu jmorru oltre l-obbligi kuntrattwali tad-Dipartiment, id-Dipartiment kien dejjem jikkoopera mal-ufficjali tal-Kunsill u jara li l-ilment jigi solvut u rikjesti imwettqa.

“8. Illi b'referenza ghar-ritratti annessi mar-rikors tar-rikorrent bhala **Dok: KLN. 3** , apparti li mhumiex datati, jigi osservat li uhud minnhom jindikaw partijiet bil-hamrija u anke ghalqa mhux maghluqa b'hajt meta dawn huma specifikament eskluzi mill-kuntratt fi klawzola 3 paragrafi (c) u (d) intitolat *Nature of Work* fl-*specific conditions of contract and specifications* annessi bhala **Dok: KLN. 1** mar-rikors tal-Kunsill Lokali.

“9. Illi uhud mir-ritratti prezentati mir-rikorrent jindikaw toroq principali minn fejn kuljum jghaddu bosta trakkijiet mill-industrija tal-kostruzzjoni mghobbija bir-radam u skart tal-industrija li jwaqqghu kwantitatjiet kbar ta' trab. Minkejja it-tindif li kien iwettaq id-Dipartiment [ara **Dok DSI. 4** hawn anness] malajr kienu jithammgu bit-trab u materjal li kien jaqa’ mit-trakkijiet kif ukoll mill-materjal tas-sigar u qasab li jikbru fis-soft areas magenb it-triq.

“10. Illi l-fatt li l-Kunsill ittermina l-kuntratt skont l-ittra datata 28 ta' Ottubru 2008 [ ara "**Dok: DSI. 5** hawn anness] bl-ebda mod immagginabbli ma jezentah mill-obbligu tal-hlas dovut ghax-xoghol li twettaq tul dawk it-tmien xhur kif stipulat fil-kuntratt.

“11. Illi il-Klawzola 13 tal- General Conditions tal-kuntratt [ara "**Dok: DSI. 2** hawn anness] jistipula li fin-nuqqas ta' hlas da parti tal-Kunsill Lokali fi zmien tletin gurnata minn meta jircievi l-istatement ta' kull xahar minghand il-kuntrattur, il-Kunsill ihallas lill-istess kuntrattur interessi bi tmienja fil-mija fis-sena fuq kwalunkwe ammont dovut pendenti.

“Ghaldaqstant l-esponent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

“1. Tiddikjara li d-Dipartiment ghas-Servizzi tal-Indafa huwa dovut hlas ta' tmintax–il elf erba' mija u erbgha u sittin euro u sitta u sittin centezmu kif ukoll l-interessi minghand il-Kunsill Lokali tan-Naxxar ghax-xoghol ta' tindif ta' toroq li wettaq id- Dipartiment fil-lokalita` tan-Naxxar skont il-kuntratt datat 14 ta’ Novembru 2006 bejn id-Dipartiment ghas-Servizzi u l-Indafa u l-Kunsill Lokali tan-Naxxar.

“2. Tordna lill-Kunsill Lokali tan-Naxxar ihallas dan l-ammont bl-interessi lid-Dipartiment ghas-Servizzi tal-Indafa, bl-ispejjez kontra tieghu.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta’ Mejju, 2010, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens
“5. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti hija tal-fehma illi t-talba tad-dipartiment għandha tiġi mnaqqsa b’ħamsa fil-mija (5%). Għalhekk tipprovdi dwar ir-rikors tal-Kunsill Lokali tan-Naxxar billi tgħid illi t-talba magħmula mid-Dipartiment għas-Servizzi tal-Indafa bl-ittra uffiċjali tal-14 t’Awissu 2009 hija infondata biss għal ħamsa fil-mija (5%) tas-somma mitluba, iżda tibqa’ tiswa għall-bqija.

“6. L-ispejjeż ta’ dawn il-proċeduri għandhom jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
“2. Il-fatti relevanti huma dawn: b’kuntratt tal-14 ta’ Novembru 2006 il-Kunsill Lokali tan-Naxxar kien ħatar lid-Dipartiment għas-Servizzi tal-Indafa – dipartiment tal-gvern – bħala kuntrattur għat-tindif ta’ toroq pubbliċi. Billi deherlu li t-tindif ma kienx qiegħed isir sew u baqa’ ma sarx sew minkejja lmenti bil-fomm u bil-kitba, il-kunsill żamm il-ħlas ta’ tmien xhur, b’kollox tmintax-il elf, erba’ mija u erbgħa u sittin euro u sitta u sittin ċenteżmu (€18,464.66). Id-dipartiment b’ittra uffiċjali tal-14 t’Awissu

2009 magħmula kif igħid u jrid l-art. 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili talab il-ħlas; il-kunsill b'rikors tat-3 ta' Settembru 2009 taħt l-art. 466(2) oppona għat-talba u talab illi l-qorti tgħid illi hija infondata.

"3. Mix-xiehda ħareġ illi tassew kien hemm nuqqasijiet min-naħa tad-dipartiment fit-twettiq tal-obbligazzjonijiet tiegħu taħt il-kuntratt għax f'aktar minn okkażjoni waħda t-tindif ma sarx kif kellu jsir. Dan, iżda, fil-fehma tal-qorti, ma jfissirx illi d-dipartiment ma jistħoqqlu ebda ħlas għax is-servizz li ta, għalkemm ma kienx kif kellu jkun, madankollu kien ta' siwi għall-kunsill, u dan jitħalla jistagħna bla mistħoqq b'telf mhux xieraq għad-dipartiment jekk il-qorti tgħid illi t-talba magħmula bl-ittra uffiċjali tal-14 t'Awissu 2009 hija għal kollox "infondata".
"4. Il-ftehim bejn il-partijiet igħid fil-paragrafu 8 – "*Defaults*" – illi jsir tnaqqis ta' ħamsa fil-mija (5%) tal-ħlas ta' kull xahar jekk ikun hemm nuqqas min-naħa tad-dipartiment li jwassal għall-ħruġ ta' "*written notice of default*" mill-kunsill. Għalkemm id-dipartiment igħid illi l-avviżi bil-miktub li ngħatawlu ma għandhomx il-forma ta' *default notice*, il-qorti tosserva illi ma hija meħtieġa ebda forma sakramentali għall-validità: biżżejjed illi d-dipartiment ikun mgħarraf bil-miktub dwar in-nuqqasijiet u, naturalment, illi tassew ikun hemm dawn in-nuqqasijiet."

Rat ir-rikors tal-appell tal-Kunsill Lokali Naxxar li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha:
"… … … tannulla u tirrevoka s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tal-4 ta' Mejju 2010 fl-ismijiet fuq premessi, u tiddikjara illi l-ittra ufficjali tal-14 ta' Awwissu 2009 hija nfondata ghal dak li jirrigwarda s-somma kollha u ghalhekk tichad it-talba tal-attur appellat ghall-hlas tas-somma ta' tmintax-il elf erba' mija u erbgha u sittin Ewro u sitta u sittin Ewro centezmu (€18,464.66), bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi kontra l-atur appellat."

Rat ir-risposta tad-Dipartiment ghas-servizzi tal-Indafa li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha:

"… … … tichad l-appell interpost mill-appellant filwaqt li tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-imghax u bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Il-fatti relevanti johorgu car mis-sentenza tal-ewwel Qorti, specjalment l-ewwel paragrafu li fih reassunt tal-kontestazzjoni. L-ewwel Qorti sabet li verament ma sarx xoghol ta' tindif kif suppost, izda kien sar xoghol apprezzabbli u ghalhekk naqset 5% mis-somma pretiza mid-Dipartiment ghas-Servizzi tal-Indafa ghas-servizzi minnha rezi fuq perjodu ta' tmien (8) xhur.

Il-Kunsill Lokali Naxxar appella mis-sentenza ghax jippretendi li ma ghandu jhallas xejn peress li x-xoghol tant sar hazin li jista' jitqies li ma sarx.

Il-Kunsill qed jibbaza l-aggravju tieghu fuq sensiela ta' ritratti li ha u esebixxa li, skont hu, juru li l-obbligu tal-kuntrattur ma giex minnu mwettaq, kif ukoll fuq sensiela ta' ilmenti mressqa mir-residenti, li, tajjeb jinghad, ma gewx konfermati mill-istess residenti, izda mill-works officer tal-Kunsill li lilu gew indirizzati l-ilmenti. Il-Kunsill jammetti li xi xoghol sar ghax jghid li l-haddiema tad-dipartiment "*ma ezegwewx il-kuntratt fl-<u>intier tieghu</u>*." Isegwi allura, kif qalet l-ewwel Qorti, li ghax-xoghol imwettaq id-dipartiment haqqu hlas.

Din il-Qorti fliet il-provi u ma tarax li kien hemm xi nuqqasijiet hekk gravi li jiggustifika li ma jithallas ebda kumpens. It-talbiet mill-Kunsill marbuta max-xoghol li ma sarx ("requests Sheets") huma ftit (erbatax) imqabbla maz-zmien in kwistjoni (tmien xhur) u n-numru kbir ta' toroq inkluzi fil-kuntratt. Ir-ritratti ma jaghtux indikazzjoni ta' telqa, u whud, anzi, juru lill-haddiema tad-dipartiment iwettqu x-xoghol fiz-zmien in kwistjoni. Hemm ritratti wkoll li juru *areas* li kienu specifikament eskluzi mill-

applikazzjoni tal-kuntratt. Ritratti li juru biss trab ma tantx huwa indikazzjoni ta' nuqqas ta' tindif, meta tqis li mit-toroq jghaddu kontinwament trucks, b'taghbija ta' materjal bhal terrapien, u vetturi ohra li minnhom infushom jikkawzaw ammont ta' trab u hmieg. Dan apparti l-fatt li x-xhieda ta' Clifton Fenech tirrisali ghall-ilmenti li hu ircieva qabel ma waqaf jahdem mal-Kunsill appellant ghall-habta ta' nofs l-2007, jigifieri, jolqtu zmien qabel iz-zmien meritu tal-ittra ufficjali in kwistjoni. L-istess ir-ritratti: hafna jirreferu ghaz-zmien precedenti z-zmien meritu tal-ittra ufficjali u l-prova li tista' tirrizulta minnhom hi biss relattiva.

Tajjeb jinghad li skont klawsola 8 tal-i*Specific Conditions of Contract and Specifications*, f'kaz li l-kuntrattur jonqos milli jwettaq xoghlu sew, il-Kunsill jista' jibghat talba specifika biex isir xoghol partikolari, u, jekk ix-xoghol jibqa' ma jsirx, jista' jibghat "default notice". Irrizulta li tul il-perjodu in kwistjoni, il-Kunsill baghat *default notice* wahda li ma tindikax traskuragni esagerat fit-twettiq tal-obbligazzjonijiet assunti mid-dipartiment. Il-fatt ukoll li l-Kunsill Lokali in kwistjoni ma tterminax il-kuntratt immedjatament, kif kellu dritt jaghmel kieku veru d-dipartiment ma wettaqx xoghlu ghal tmien xhur shah, jimmilita kontra t-tezi tal-istess Kunsill. Huwa principju gurisprudenzjali li ma jkunx gust li wiehed jitlob is-servizzi tal-parti l-ohra ghal tul ta' zmien, jinqeda b'dawk is-servizzi u wara jilmenta bil-kwalita` tax-xoghol u jippretendi li ma jhallas xejn ghas-servizzi li nghata (ara per ezempju, **Calleja v. Vassallo**, deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru, 1998).

Il-Kunsill appellant jilmenta wkoll mill-fatt li l-ewwel Qorti, in applikazzjoni tal-imsemmi klawsola 8, fid-dawl tal-fatt li kien hemm "default notice" wahda, tat skont ta' 5% biss, meta skont il-klawsola, l-iskont huwa ta' 5% *"unless the Council Representative in his/her absolute discretion decides to the contrary*." Dan il-proviso, pero`, ma jaghtix poter lill-kunsill jitlob skont kemm irid, jew sahansitra bhal f'dan il-kaz, jinsisti li ma jhallas xejn ghax-xoghol imwettaq. L-ewwel nett, l-ezercizzju ta' diskrezzjoni jrid ikun ragjonat u relatat mac-cirkostanzi, u f'kull kaz jibqa' dejjem sindikabbli mill-qrati ordinarji skont kriterji stabbiliti.

Fit-tieni nett, il-frazi "*unless the Council … decides to the contrary*", ma tfissirx li l-kunsill jista' jzid l-iskont ghal aktar minn 5%, izda li l-iskont ghandu jkun ta' 5%, sakemm il-kunsill ma jiddecidix il-kuntrarju, u cioe` li ma jadoperax skont.  Dan hu l-"kuntrarju" tal-iskont ta' 5% stabbilit fil-klawsola.

Darba jirrizulta li ntbaghtet wahda biss "default notice", skont il-ftehim ghandu jkun hemm tnaqqis ta' 5% u dan kif sewwa ghamlet l-ewwel Qorti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-Kunsill Lokali Naxxar, billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez tal-kawza in prim istanza jithallsu kif ordnat l-ewwel Qorti, waqt li l-ispejjez relatati ma' din it-tieni istanza jithallsu mill-Kunsill Lokali Naxxar appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------